MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 1572/2010

**Vodafone Malta Limited – C-10865**

**vs**

**Zahra Joseph Mary
ID-314650M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tmien mija wiehed u tmenin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€881.75c), rapprezentanti ammont dovut lis-Socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (vide rendikont hawn anness u mmarkat bhala Dok. A).

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda dan baqa' inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, l-esponenti m'ghandu jaghti xejn lis-Socjeta' attrici.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentant tas-Socjeta' attrici, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnha. Din ix-xhud ikkonfermat illi l-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici ghadu dovut, filwaqt illi ghamlet referenza wkoll ghall-kuntratt li gie ffirmat mill-konvenut mas-Socjeta' attrici (*a fol.* 15). Illi l-bilanc dovut mill-konvenut jirrizulta mid-dokumentipprezentat mill-istess xhud, u liema dokument jinsab *a fol.* 123 tal-process. Jidher illi minn meta l-konvenut iffirma l-kuntratt, fit-3 ta' Frar 2010, ma wettaq ebda hlas ghas-servizz lilu pprovdut, u ghalhekk l-ammont baqa' jakkumula sa Lulju 2010, meta nhareg l-ahhar kont.

Ra li l-konvenut, ghalkemm ikkontesta l-kawza, naqas milli jressaq ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni sollevata minnu illi m'ghandu ebda pendenza mas-Socjeta' attrici, u ghalhekk ma ngabet ebda prova minnu sabiex jikkuntrarja u jikkontesta l-kontijiet li gew ipprezentati mis-Socjeta' attrici, minn fejn jirrizulta l-bilanc dovut. Illi fin-nuqqas ta' tali prova, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jakkolji t-talba tas-Socjeta' attrici kif dedotta kontra l-konvenut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija wiehed u tmenin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€881.75c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------